

Brussell, 31 ta' Mejju 2023
(OR. en)

10014/23

FIN 578

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Sur Johannes HAHN, Membru tal-Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	31 ta' Mejju 2023
lil:	Is-Sa Johanna LYBECK LILJA, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 09/2023 fit-Taqsimi III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument tal-Kummissjoni DEC 09/2023.

Mehmuż: DEC 09/2023



BRUSSELL, 31/05/2023

BAĠIT ĠENERALI - 2023

TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI: 03, 06, 30

TRASFERIMENT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET Nru **DEC 09/2023**

MINN

KAPITOLU - 3004 Mekkaniżmi ta' solidarjetà (strumenti speċjali)

ARTIKOLU - 30 04 01 Riżerva ta' solidarjetà u għajnuna ta' emerġenza (SEAR)

Impenji	-86 000 000,00
Pagamenti	-86 000 000,00

GĦAL

KAPITOLU - 0302 Programm tas-Suq Uniku

ARTIKOLU - 03 02 06 Kontribuzzjoni għal livell għoli ta' saħħa u għall-benesseri tal-bnedmin, l-annimali u l-pjanti

Impenji	31 000 000,00
Pagamenti	31 000 000,00

KAPITOLU - 0605 II-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

ARTIKOLU - 06 05 01 Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

Impenji	55 000 000,00
Pagamenti	55 000 000,00

Il-Kummissjoni Ewropea titlob il-mobilizzazzjoni tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (Solidarity and Emergency Aid Reserve, SEAR) abbażi tal-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, għal ammont totali ta' EUR 86 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mill-fergħa interna tas-SEAR.

Dan it-trasferiment għandu l-għan li jindirizza l-ħtiġijiet għoljin kontinwi fl-2023 tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (Union Civil Protection Mechanism, UCPM) u l-fergħa tal-Katina alimentari tal-programm tas-Suq Uniku, li diġà ġew imsaħħa għal skopijiet simili matul l-2022, għall-UCPM għal ammont totali ta' EUR 84,5 miljun permezz ta' DEC 08/2022 u DEC 10/2022, u EUR 73,8 miljun għall-miżuri tal-Ikel u l-Għalf fil-baġit emendatorju 5/2022.

L-ammont ta' EUR 55 miljun mitlub għall-UCPM huwa maħsub biex jiffinanzja azzjonijiet ta' rispons ta' emerġenza tal-UCPM wara t-terremoti fit-Turkija/is-Sirja u l-kriżi fis-Sudan, kif ukoll massimu imminenti tal-miżuri fid-dawl tal-istaġun tan-nirien fil-foresti. B'mod parallel, il-baġit eżistenti tal-UCPM se jintuża biex jiffinanzja appoġġ kontinwu lill-Ukrajna, li għalih intalbu r-rinforzi s-sena l-oħra.

L-ammont ta' EUR 31 miljun mitlub għall-fergħa tal-katina alimentari tal-programm tas-Suq Uniku huwa meħtieġ biex ikopri l-ħtiġijiet relatati mal-miżuri ta' emerġenza tal-influenza avjarja fl-2023. It-tisħiħ tal-miżuri tal-Ikel u l-Għalf tas-sena l-oħra ntuzja biex jittratta x-xogħol b'lura ta' rimborżi relatati ma' tifqigħat preċedenti tal-influenza avjarja u d-deni tal-ħnieżer Afrikan. B'mod parallel, l-Istati Membri ma oġġezzjonawx għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tnaqqas b'mod sinifikanti r-rati ta' kofinanzjament għal każijiet ġodda, sabiex jiġi limitat l-impatt fuq il-baġit tal-UE fil-futur.

I. TNAQQIS

I.1

a) Intestatura

30 04 01 - Riżerva ta' solidarjetà u għajnuna ta' emerġenza (SEAR)

b) Ċifri fil-15/05/2023

	Impenji	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	1 274 897 000,00	1 274 897 000,00
2 Trasferimenti	-347 785 463,00	-347 785 463,00
3 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2)	927 111 537,00	927 111 537,00
4 Approprijazzjonijiet diġà użati	0,00	0,00
5 Approprijazzjonijiet disponibbli (3-4)	927 111 537,00	927 111 537,00
6 Tnaqqis propost	86 000 000,00	86 000 000,00
7 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (5-6)	841 111 537,00	841 111 537,00
8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit (6/1)	6,75 %	6,75 %
9 Żieda, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Impenji	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	0,00	0,00
2 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-15/05/2023	0,00	0,00
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	mhux applikabbli	mhux applikabbli

d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

F'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR) hija maħsuba biex tippermetti għal

- (a) assistenza biex tirrispondi għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jirriżultaw minn diżastri maġġuri li huma koperti mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, li l-oġġettivi u l-ambitu tagħhom huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002; kif ukoll
- (b) reazzjonijiet rapidi għal ħtiġijiet speċifiċi ta' emerġenza fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi wara avvenimenti li ma setgħux ikunu previsti meta ġie stabbilit il-baġit, b'mod partikolari għal operazzjonijiet ta' rispons u ta' appoġġ ta' emerġenza wara diżastri naturali mhux koperti mill-punt (a), diżastri kkawżati mill-bniedem, kriżijiet umanitarji f'każijiet ta' theddid għas-saħħa pubblika, theddid veterinarju jew theddid fitosanitarju fuq skala kbira, kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari fil-fruntieri esterni tal-Unjoni li tirriżulta mill-flussi migratorji, meta iċ-ċirkostanzi jkun jitolbu dan.

II. ŻIEDA

II.1

a) Intestatura

03 02 06 - Kontribuzzjoni għal livell għoli ta' saħħa u benesseri għall-bnedmin, l-annimali u l-pjanti

b) Ċifri fil-15/05/2023

	Impenji	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	231 319 000,00	202 000 000,00
2 Trasferimenti	0,00	0,00
3 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2)	231 319 000,00	202 000 000,00
4 Approprijazzjonijiet diġà użati	94 200 457,67	10 137 158,37
5 Approprijazzjonijiet disponibbli (3-4)	137 118 542,33	191 862 841,63
6 Żieda mitluba	31 000 000,00	31 000 000,00
7 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (5+6)	168 118 542,33	222 862 841,63
8 Żieda bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit (6/1)	13,40 %	15,35 %
9 Żieda, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Impenji	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	2 293 113,93	1 408 016,48
2 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-15/05/2023	1 129 081,72	0,00
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	50,76 %	100,00 %

d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

L-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri biex iwettqu miżuri ta' emerġenza biex jiġġieldu t-tifqigħat ta' mard tal-annimali jistgħu jkunu eliġibbli għal kofinanzjament mill-baġit tal-UE.

Huwa essenzjali li jkomplu jiġu implimentati miżuri xierqa mill-Istati Membri u li jingħata appoġġ finanzjarju mill-UE, peress li l-konsegwenzi devastanti ta' din il-marda għall-bhejjem u l-konsegwenzi finanzjarji għas-settur ekonomiku usa' jistgħu jkunu sostanzjali, biex ma nsemmux l-impatt potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem, minħabba r-riskju ta' trażmissjoni ta' xi forom ta' influwenza mill-annimali għall-bnedmin.

Wara l-għadd kbir ħafna ta' tifqigħat fis-snin 2020-2022 fil-qasam tas-saħħa tal-annimali, b'mod partikolari fir-rigward tal-mard bħad-deni tal-ħnieżer Afrikan u l-Influwenza Avjarja b'Patoġeniċità Għolja, ir-riżorsi disponibbli fil-fergħa tal-katina alimentari tal-Programm tas-Suq Uniku (SMP) ilhom insuffiċjenti mill-2021.

Sabiex tlaħħaq man-nuqqas baġitarju, il-linja baġitarja speċifika rċeviet tisħiħ ta' EUR 73,8 miljun fil-baġit emendatorju 5/2022. Dawn il-fondi ntużaw biex jiġu ssodisfati l-obbligi legali pendenti.

Fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji, ittieħdu miżuri biex jitnaqqsu l-konsegwenzi baġitarji fit-terminu medju u twil: L-Istati Membri ma opponewx l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni fi Frar 2023 biex jitnaqqsu b'60 % ir-rati ta' kofinanzjament tal-programmi veterinarji u fitosanitarji u tal-miżuri ta' emerġenza.

FI-2023, l-għadd ta' tifqigħat tal-Influwenza tat-Tjur b'Patoġeniċità Għolja għadu għoli ħafna. Il-Kummissjoni bħalissa tassumi li t-tifqigħa tal-2023 tkun fl-istess livell bħall-2021/22, b'madwar EUR 200 miljun ta' spejjeż eliġibbli fis-sena. Bir-rata medja l-ġdida ta' kofinanzjament ta' 25 %, il-ħtiġijiet ta' kofinanzjament tal-UE jammontaw għal EUR 50 miljun. Il-programm ta' ħidma tal-katina alimentari SMP kull sena jipprevedi ammont ta' EUR 19-il miljun għal miżuri ta' emerġenza, u għalhekk ammont addizzjonali stmat ta' EUR 31 miljun mill-fergħa interna tas-SEAR ikun meħtieġ għall-fergħa tal-Katina Alimentari SMP - linja baġitarja 03 02 06 fl-2023.

II.2

a) Intestatura

06 05 01 - Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

b) Ċifri fil-15/05/2023

	Impenji	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	188 005 975,00	275 000 000,00
2 Trasferimenti	0,00	0,00
3 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2)	188 005 975,00	275 000 000,00
4 Approprijazzjonijiet diġà użati	86 965 558,62	5 385 839,86
5 Approprijazzjonijiet disponibbli (3-4)	101 040 416,38	269 614 160,14
6 Żieda mitluba	55 000 000,00	55 000 000,00
7 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (5+6)	156 040 416,38	324 614 160,14
8 Żieda bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit (6/1)	29,25 %	20,00 %
9 Żieda, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Impenji	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	1 463 567,23	1 463 567,23
2 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-15/05/2023	1 358 567,23	509,45
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	7,17 %	99,97 %

d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Żieda fl-attivazzjoni fl-2022

It-talbiet għal assistenza u l-operazzjonijiet ta' rispons għal emerġenza li rriżultaw fl-ambitu tal-UCPM irdupjaw fl-2022 meta mqabbla mas-sena preċedenti, b'total ta' 232 attivazzjoni, minħabba staġun partikolarment sever tan-nirien fil-foresti u l-ħtiġijiet enormi għal assistenza marbuta mal-gwerra fl-Ukrajna, li hija l-itwal operazzjoni, u l-aktar operazzjoni kumplessa tal-UCPM li qatt saret.

Il-prospetti għall-2023

1. It-Turkija, is-Sirja u s-Sudan

Is-sena 2023 bdiet b'mod aħrax ħafna, bit-terremoti devastanti fit-Turkija u s-Sirja – u se jkun hemm b'onn ta' kontribuzzjoni sinifikanti ħafna mill-UCPM f'isem l-UE. Apparti dan issa qed isiru talbiet ta' ripatrijazzjoni ta' ċittadini tal-UE marbuta mal-kunflitt fis-Sudan. B'kollox, hu mistenni li dawn l-interventi u interventi oħra tal-UCPM ikunu jirrikjedu EUR 60 miljun fl-2023.

2. Nirien fil-foresti

L-istaġun tan-nirien fil-foresti tal-2023 diġà beda b'ħafna nirien fix-xitwa u fir-rebbiegħa fil-Portugall, fit-Tramuntana ta' Spanja, fir-reġjun tal-Pirinej, fir-Rumanija, fil-Balkani u fin-Nofsinhar tal-Irlanda. Kundizzjonijiet persistenti ta' nixfa u temperaturi ogħla mill-medja huma previsti sa Settembru f'partijiet kbar tal-kontinent Ewropew.

Hu mistenni għalhekk li x-xejra preokkupanti tas-snin preċedenti ta' għadd rekord ta' nirien tkompli. Fl-2023, mistennija mobilizzazzjoni sħiħa tal-kapaċitajiet nazzjonali u tal-UE, inkluż il-prepożizzjonament ta' timijiet tat-tifi tan-nar li wrew li kienu estremament utli u ta' suċċess fl-2022. Il-kostijiet mistennija li jirdupjaw meta mqabbla mal-medja tal-perjodu 2017-2021, u jilħqu EUR 22,5 miljun.

3. L-Ukrajna

Il-ħtiġijiet umanitarji relatati mal-Ukrajna għadhom għoljin ħafna, b'mod partikolari fil-qasam tal-għajnuna medika u l-evakwazzjonijiet mediċi. Ir-rispons ta' emerġenza tal-UCPM għall-gwerra fl-Ukrajna qed ikompli jiġi indirizzat permezz ta' diversi ċentri loġistiċi (l-akkomunament u t-trasport ta' assistenza in natura) u ċentri ta' għajnuna medika. Il-kuntratt għall-aktar ċentru importanti fil-Polonja ġie estiż sal-aħħar ta' Novembru 2023. L-Ċentru ta' Medevac fil-Polonja huwa attiv ħafna u l-kuntratti man-Norveġja għat-titjiriet ta' evakwazzjoni medika ta' pazjenti Ukreni ġew imġedda. Barra minn hekk, inħoloq ċentru tal-enerġija biex jidderieġi t-tagħmir tal-enerġija mogħti lill-Ukrajna. L-ispejjeż jinkludu t-trasport ta' oġġetti tal-enerġija meħtieġa għat-tiswijiet u l-funzjonament tal-infrastruttura tal-enerġija.

F'dan il-kuntest, il-livell eżistenti ta' assistenza lill-Ukrajna ta' madwar EUR 6,5 miljun fix-xahar jeħtieġ li jitkompla fix-xhur li ġejjin. Abbażi tat-tbassir attwali, dan jista' jiġi kopert mill-appropriazzjonijiet li għadhom disponibbli mir-rinforzi tal-2022.

Ħtieġa għal tisħiħ

Ammont ta' EUR 27,5 miljun huwa attwalment disponibbli għar-rispons tal-UCPM tal-2023. Ir-rata ta' implimentazzjoni kumplessiva tal-appropriazzjonijiet ta' impenn hija qrib is-70 %, u l-implimentazzjoni totali mistennija tintlaħaq sa nofs Lulju. Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi tisħiħ ta' EUR 55 miljun mill-fergħa interna tas-SEAR.

Il-Kummissjoni se żżomm l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet taħt rieżami mill-qrib. Skont kif jiżviluppaw l-affarijiet, tista' tipproponi tisħiħ ulterjuri tal-UCPM, b'mod partikolari għall-Ukrajna.

ANNEX

COMMISSION TRANSFER PROPOSALS RELATED TO THE SOLIDARITY AND EMERGENCY AID RESERVE IN 2023

The table below shows the transfer proposals transmitted to the Budgetary Authority to date during 2023, which relate to the Solidarity and Emergency Aid Reserve (SEAR), and the remaining amount under the SEAR reserve following the approval of these proposals.

Commitment Appropriations 2023 Reserve (EUR)								
Transfer Ref	Content	TOTAL	carried over	voted budget	Internal (excluding EUSF)	EUSF	External	End-of-Year Cushion (25%)
	General Budget 2023 - Initial appropriations	1.324.897.000	0	1.324.897.000	149.050.912	496.836.375	347.785.463	331.224.250
	General Budget 2023 - EUSF advances (Article 4a EUSF Regulation)	-50.000.000		-50.000.000		-50.000.000		
DEC 03	Mobilisation of the SEAR for the food crises in Africa and in Yemen as well as the multisectoral crisis in Venezuela	185.000.000		185.000.000			185.000.000	
DEC 05	Mobilisation of the SEAR for the humanitarian assistance in Türkiye, Syria, Ukraine, DRC, Ethiopia and Lake Chad	162.785.463		162.785.463			162.785.463	
DEC 09	Mobilisation of the SEAR for UCPM and SMP food chain	86.000.000		86.000.000	86.000.000			
	Total DEC transfer proposals	433.785.463	0	433.785.463	86.000.000	0	347.785.463	0
	Remainder	841.111.537	0	841.111.537	63.050.912	446.836.375	0	331.224.250